## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

### GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.

### SEDUTA TA' NHAR IL-ERBGHA 27 TA' FRAR, 2002

**Avviz Nru: 1789/01 AJD**

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Grace Anne Delia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Dicembru, 2001, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' mija u hamsa u sebghin liri Maltin (Lm175.00), in kwantu ghas-somma ta' mija u sittin lira Maltin (Lm160.00) import ta' tmien (8) kambjaliet (Dok. 1, 2, 3, 4, 5, 5, 7 u 8) u li d-data tal-maturita' taghhom skadiet u in kwantu ghas-somma ta' hmistax il-lira Maltin (Lm15.00) bhala imghaxijiet legali dovuti sal-lum fuq l-istess ammont.
Bl-ispejjes, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-Avviz sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Ra n-nota tal-20 ta' Frar, 2002, prtezentata mis-socjeta' attrici li biha rriduciet it-talba bis-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25.00) li thallset fil-mori tal-kawza u zammet ferm it-talba taghha ghall-bilanc fis-

somma ta’ mija u hamsin lira Maltin (Lm150.00) u ghall-ispejjez tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. John Laferla, ghan-nom tas-socjeta’ attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont kif ridott ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma hekk ridotta ta’ (Lm150.00) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**